MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 553/1999/2

**Three Barrels Limited**

**vs**

**Joan Schembri mart Martin Schembri bhala amministratrici tal-komunjoni tal-akkwisti u ghan-nom tad-ditta RRS Goldrush Enterprises u b'digriet tad-29 ta' April 2002 gie msejjah fil-kawza Martin Schembri u Dr. David Borg u l-P.L. Davina Sullivan li b'digriet tat-23 ta' Gunju 2003 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Martin Schembri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 5 ta' Marzu 1999 fejn esponiet: -

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm1,454.42) import ta' merkanzija konsistent f'*juices* u xorb iehor mibjugha lir-ragel taghha, Martin Schembri ezercenti l-kummerc bl-isem RRS Goldrush Enterprises, u debitament konsenjata kif jirrizulta minn ghadd ta' *invoices* mmarkati Dok. A sa E; u

Illi l-konvenuta, ghalkemm debitament interpellata biex thallas id-dejn taghha mas-socjeta` attrici, baqghet inadempjenti; u

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa veru, likwidu u cert u, fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi kontra t-talba attrici.

Tghid, ghalhekk, il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh *a tenur* tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmi (Lm1,454.42) import ta' merkanzija konsistenti f'*juices* u xorb iehor mibjugha lir-ragel taghha, Martin Schembri ezercenti l-kummerc bl-isem RRS Goldrush Enterprises, u debitament konsenjata kif jirrizulta minn ghadd ta' *invoices* mmarkati Dok. A sa E.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1999, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-*invoices* kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 1999;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-13 ta' Lulju 2001 li permezz tal-istess irrevokat is-sentenza imsemmija tal-10 ta' Dicembru 1999 u irrimettiet

l-atti lil din il-Qorti biex tipprocedi ghas-smigh taghha wara li l-att tac-citazzjoni jigi sewwa u ritwalment notifikat lill-kovenuta appellanti.

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta datat 29 ta’ April 2002 (fol 60) fejn permezz tal-istess gie kjamat fil-kawza l-konvenut Martin Schembri.

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament presjeduta datat 23 ta’ Gunju (fol 65) fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dr. David A Borg u l-PL Davina Sullivan bhala kuraturi deputati tal-assenti Martin Schembri datata 14 ta’ Ottubru (fol 78) fejn esponew illi :

1. L-esponenti ma ghandhomx informazzjoni dwar il-fatti allegati fic-citazzjoni u lanqas ghandhom kuntatt mal-assenti Martin Schembri, ghalhekk qed jirrizervaw li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet addizzjonali meta jkollhom l-informazzjoni mehtiega.

2. Jispetta lis-socjeta` attrici li taghmel il-prova tal-allegazzjonijiet taghha.

3. Minghajr pregudizzju tal-premess it-talbiet attrici huma preskritti *a termini* tal-artikoli 2148 (b) u 2156 (f) tal-Kap 12.

Rat in-nota esibita mill-konvenuta fit-12 ta' Novembru 2003 u l-kopja tas-sentenza hemm annessa moghtija fid-29 ta' Mejju 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet *Jean mart Martin Schembri -v- Dr. David A. Borg LL.D. et noe* (Citazz 1977/1999RCP), (fol 81 sa 98 tal-process).

Rat il-verbal a fol 107 tal-process fejn gie rilevat mid-difensur tas-socjeta attrici, b'riferenza ghan-nota imsemmija illi "*dak li seta' gie pprovdut fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2003 fl-atti tal-kawza numru*

*1977/1999 RCP, ma jolqotx lill-Kumpanija attrici izda jaffettwa biss is-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti...."*

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ghall-kundanna ta' mara mizzewga ghall-hlas ta' kreditu rigwardanti negozju li sehh bejn kreditur u r-ragel taghha, senjatament talba mis-socjeta` attrici kontra l-konvenuta Joan Schembri, ghall-hlas tas-somma ta' €3387.89, gja l-ammont ta' Lm1454.42, mitluba fic-citazzjoni, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lir-ragel taghha, Martin Schembri ezercitanti l-kummerc bl-isem RRS Goldrush Enterprises Limited, u debitament ikkonsenjata izda mhux imhallsa. Il-merkanzija imsemmija giet ikkonsenjata fil-perjodu bejn is-17 ta' Dicembru 1996 u l-10 ta Lulju 1997 (vide Dokti A sa E sa fol 6-10 tal-process).

Jirrizulta li s-socjeta` attrici tipproduci u tbiegh l-inbid u *juices.* In-negozju bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut kien jikkonsisti fil-konsenja ta' inbid u *juices* lill-konvenut Martin Schembri bl-ingrossa[1] biex hu jbieghhom fil-hwienet.[2] Il-hlas lis-socjeta` kien isir malli l-konvenut ibiegh il-prodott, filwaqt li kien izomm il-profitti ghalih.[3] Ma jirrizultax kontradett li din il-merkanzija giet fornuta lil Martin Schembri u li l-istess socjeta` kienet ghadha ma thallsitx. Mid-dokumenti esibiti jirrizulta li l-invoices inhargu lil Martin Schembri li kien jopera bit-*trade name* RRS Goldrush.

Jirrizulta li Joan u Martin Schembri kienu mizzewgin u li operat bejniethom ir-regim patrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti.

Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet taf bin-negozju li kien qed isir bejn zewgha u l-attur. Hi stess ammettiet li gieli kienet tkun prezenti fil-karrozza meta zewgha kien imur il-

[1] Xhieda attur a fol. 121
[2] Xhieda attur a fol.113.
[3] Xhieda tal-konvenuta a fol. 117.

fabbrika tal-kumpanija attrici biex jigbor minn hemmhekk il-merkanzija. Kienet anke prezenti meta sar l-ewwel diskors fuq il-ftehim ta' bejgh bejn zewgha u l-attur[4]. Irrizulta wkoll li l-konvenut kien imexxi *restaurant* f'Birzebbugia u martu ghamlet xi zmien tahdem mieghu meta kienu ghadhom flimkien. Sahansitra kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet prezenti meta Carmel Muscat ikkonsenjalu l-merkanzija. L-istess Carmel Muscat xehed li meta l-konvenut telaq minn Malta *jien komplejt ninnegozja mal-konvenuta.*[5]

Mill-provi huwa manifest li l-konvenuti konjugi Schembri kellhom problemi matrimonjali tant li telaq mid-dar konjugali fl-24 ta' April 1997. Ittentaw rikonciljazzjoni f'Novembru 1997 fejn hi anke involviet ruhha fir-*restaurant* li kien fetah. Madanakollu rega' telaq mid-dar konjugali f'Jannar 1998 u eventwalment abbanduna Malta ghal kollox. Dan il-perjodu jikkoincidi mal-perjodu tal-konsenji ta’ merkanzija li huma mertu ta’ din il-kawza. Il-konvenuta eccepiet li ma kinetx involuta fil-gestjoni tan-negozju u lanqas tar-*restaurant* fejn kienet tahdem fil-kcina biss, liema allegazzjoni tirrizulta ipprovata mix-xhieda moghtija.

Il-konvenuta, Joan Schembri, issollevat diversi eccezzjonijiet li jsibu l-pern taghhom fir-ragjonament li d-dejn ghandu jkun a karigu esklussiv ta' Martin Schembri *stante* li mexxa in-negozju minghajr il-kunsens u approvazzjoni taghha u li hi ma ibbenefikatx mill-konsenji imsemmija. Dan l-argument isib konfort fil-fatti tal-kaz peress li kien proprju fiz-zmien fuq imsemmi li hi u zewgha kienu fl-inkwiet matrimonjali li ikkulmina bl-abbandun definittiv tal-konvenut mid-dar matrimonjali.

Din il-Qorti tissimpatizza mal-konvenuta li sabet ruhha f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Hi xehdet li zewgha battal il-kontijiet bankarji u halla id-dejn izda sabet mezz biex tipprova tmexxi hi r-*restaurant.* Carmel Muscat kien, f'dak iz-zmien irtira x-xoghol li kien vojt.[6] Hi xehdet ukoll li "*Muscat kien indikali li l-kumpanija attrici kellha kreditu*

[4] Xhieda tal-konvenuta a fol. 116.
[5] Op cit.fol. 113
[6] Xhieda tal-konvenuta a fol. 118 tal process.

*favur taghha fuq xoghol illi kkonsenjat lill-zewgi. Il-merkanzija li dwarha Three Barrels Limited kellha pretensjoni kontra zewgi ma bbenefikajtx minnha."*[7]

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-konvenuta talbet u ottjeniet sentenza minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn giet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Schembri[8] u li permezz tal-istess *inter alia* l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejniethom gie xolt b'effett mit-2 ta' Mejju 1998 kif ukoll assenjat lill-konvenut id-dejn kollu ma' terzi persuni nkluzi s-socjetajiet "*Three Barrels Ltd., Bank of Valletta p.l.c. u John Paul Busuttil, liema dejn huwa kollu naxxenti minn negozji li kien igestixxi l-istess konvenut."* F'din is-sentenza l-Qorti kkonsidrat li "*l-attrici assolutament ma gawdiet xejn mid-dejn assunt mill-konvenut, hlief li kellha thallas u tiffaccja l-kredituri tieghu*".[9]

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuta din il-Qorti ser taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

1. L-ewwel eccezzjoni u cioe` "l'hekk imsejha ditta *RRS Goldrush Enterprises* la hija ditta u wisq inqas ghandha personalita` guridika" kif ukoll ir-raba' eccezzjoni jaghmlu riferenza ghall-kwalita` li fiha l-konvenuta giet imharka u cioe` "*bhala amministratrici tal-komunjoni tal-akkwisti u ghan-nom tad-ditta RRS Goldrush Enterprises."* Din il-Qorti ma thossx li din l-eccezzjoni ghandha tkun ta' xkiel ghat-talba attrici. Wara l-ammendi li gew introdotti fil-Kodici Civili permezz tal-Axx XXI tas-sena 1993, il-mizzewgin gew vestiti bi drittijiet indaqs fl-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom. Ma jistax jinghad, logikament, li mara mizzewga mhiex amministratrici tal-komunjoni tal-akkwisti meta hija *de jure* ko-amministratrici ugwalment ma' zewgha. Ir-riferenza ghall-intrapriza *RRS GoldRush Enterprises* hija superfluwa *ai fini* tal-gudizzju peress il-Qorti ghandha tezamina jekk id-dejn maghmul minn

[7] Xhieda tal-konvenuta op.cit.
[8] Fol. 82 et seq. tal-process
[9] Vide l-apprezzament tal-provi ta' dik il-Qorti a fol 15 tas-sentenza li jinsab a fol. 96 tal process.

Martin Schembri waqt il-gestjoni tal-attivita` kummercjali tieghu jorbotx *o meno* l-komunjoni tal-akkwisti, jew altrimenti jaqa' fir-responsabbilita` esklussiva tieghu. Li kieku n-negozju sar ma' socjeta` kummercjali li ghandha personalita` legali distinta, allura l-vertenza ghandha tkun indirizzata lejn dik is-socjeta`. Izda dan ma jirrizulta minn imkien, anzi l-provi jikkonfermaw li r-ragel kien jinnegozja personalment, ghalkemm bit-*trade name* imsemmi u li l-invoices annessi mac-citazzjoni bhala DOKTI A sa E inhargu f'ismu u fl-isem l-intrarpisa li m'ghandhiex personalita` distinta minn tieghu.

2. It-tieni u t-tielet eccezzjonijiet ghandhom jigu ezaminati fid-dawl tad-disposizzjonijiet legali li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-mizzewgin anke b'riferenza ghal dak li gie kkonstatat mill-Qorti fil-proceduri ta' separazzjoni personali .

3. Fil-mori l-istess konvenuta ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' separazzjoni personali u, *tramite* d-difensur taghha, iddikjarat li dan l-izvilupp seta' jaffettwa l-posizzjoni taghha. (Ara verbal a fol 80 tal-process). It-twegiba tas-socjeta` attrici hija fis-sens li s-sentenza taffettwa biss ir-relazzjonijiet interni bejn il-partijiet. (Ara dikjarazzjoni a fol 107 tal-process).

4. Dwar dan il-punt, il-ligi Maltija hija cara u inekwivoka meta tiddisponi li sentenza tohloq stat bejn il-partijiet biss. L-Artikolu 237 tal-Kodici tal-Procedura u tal-Organizzazzjoni Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi li "*is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew tar-rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza*". Mhux kontestat illi l-attur odjern ma kienx involut fil-proceduri fil-kawza fuq imsemmija. Minn dan huwa lecitu li jinghad illi l-attur ghandu kull dritt jiddiskonoxxi l-awtorita`ta' dik is-sentenza l-ohra billi din bl-ebda mod ma setghet tkun ta' pregudizzju ghalih. Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz *Il-Kontrollur tad-Dwana vs Philip Agius & Sons Limited et.* deciz fit 12 ta' Jannar

2005 [10] "*Jitnissel minn dan il-provvediment illi r-res judicata ma testendix l-effetti taghha ghal dawk il-kredituri jew debituri ohra li ma jkunux dehru personalment jew tramite xi rapprezentant f'dak il-gudizzju. Gudizzju li ghalihom hu 'res inter alios acta'"*. Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghall **Mattirolo**, "Diritto Giudiziaro",Vol. V, para. 159. It-tesi tal-konvenuta fid-dawl ta' test legali u tal-gurisprudenza ghandha ghalhekk tigi skartata.

5. Lanqas ma tista' issib konfort, l-istess konvenuta, fid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li jirregolaw il-komunjoni tal-akkwisti. Il-kwistjoni hi jekk l-komunjoni tal-akkwisti, u, sussegwentement, l-istess attrici bhala ko-partecipi u ko-amministratrici tal-istess komunjoni, ghandha tkun responsabbli ghall-atti ta' negozju, precizament xiri ta' merkanzija minghajr hlas meta hi ma kinetx partecipi fil-gestjoni tieghu.

6. Fuq dan il punt, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill Onorabbli tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz *J.& E. Griscti* vs Jesmond Sant et[11] "*Ordinarjament, a norma tal-Artikolu 1322 (2) (g), il-Kodici Civili taghna iqis l-akkwist ta' proprjeta` mobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel", kif hekk apparentement jidher li huma l-akkwisti tal-merce f'dan il-kaz, bhala att ta'amministrazzjoni straordinarju u, konsegwentement, tali att, kif ukoll il-jhedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwaru, imiss liz-zewg mizzewgin flimkien*." Madanakollu l-ligi stess tohloq eccezzjoni ghall-"atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni" ghal liema jirreferi l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu "*ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attivita` ekonomika u li fiha l-kuntrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha*" ("**Grazio Patiniott *et* -vs- Anthony Cini *et***", Appell, 5 ta'

---

[10] Appell Civili Numru. 1854/2002/1 Imhallef Philip Sciberras.

[11] Sentenza tal-10 ta' Jannar 2007, PS

Ottubru 2001). Bl-artikolu 1324 tal-Kap 16, ghalhekk, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wiehed biss, basta li jkun att "*normali ta' gestjoni ta' kummerc*".(Vide wkoll *Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited et, PA* per Imhallef Tonio Mallia deciza fid-9 ta’ Ottubru 2003*)*. F'tali kaz it-terz kreditur jista' idur fuq l-assi tal-komunjoni u, *in subordine* jdur fuq il-beni personali ta' dak biss fost il-konjugi li ghamel in-negozju u indahal fir-responsabbilita` kontrattwali diretta. Il-mara, il-konvenuta f’din il-kawza, hija responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

7. Mill-provi ma hemmx dubbju li l-atti mwettqa mill-konvenut Martin Schembri kienu “atti normali” tal-gestjoni kummercjali. Hu kien jgestixxi attivita` kummercjali u n-negozju sar fl-isfond ta’ din il-gestjoni. Il-konsenji u akkwisti bl-ingross, u t-tip ta' arrangament ghall-hlas huma normali gestjoni fil-kummerc. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta "*Trid tinghata interpretazzjoni wiesgha lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta' negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f'dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi, fil-fatt, ma tuzax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" ghall-eccezzjoni, izda att normali, u att ikun "normali" skont in-negozju u z-zmien li fih sar l-att."*[12]

8. Din il-Qorti tikkondividi l-gurisprudenza fuq citata u ma taqbilx mal-hsieb li anke li kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, bl-ebda mod ma jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti, liema linja ta' hsieb giet ippronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *"Anthony sive Ninu Frendo vs Angelo Zahra pro et noe (Cit. 1379/97* deciza fil-31 ta' Jannar 2003. L-iskop tal-artikolu 1324 huwa biex johloq eccezzjoni ghar-regola generali tal-artikolu 1322 fir-rigward tal-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju altrimenti jkun superfluwu. Il-komunjoni tintrabat anke meta att

---

[12] *Claudette Gauci -vs- Paolo Bonnici Limited et, PA per Imhallef Tonio Mallia deciza fid-9 ta’ Ottubru 2003* fejn il-Qorti dahlet fid-definizzjoni tal-kuncett ta' atti 'normali' tal-kummerc u tat diversi ezempji tat-tifsira tal-kuncett.

straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan tal-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert. Jirrizulta fil-kaz odjern li l-konvenuta kienet taf bin-negozju, u sahansitra kienet prezenti xi drabi meta zewgha mar jigbor il-merkanzija jew saru konsenji. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li hija impellenti li persuna li hija mizzewga lill-negozjant jew negozjanta tiehu dawk il-mizuri kollha mehtiega biex tikkawtela l-posizzjoni taghha fil-konfront ta' terzi kredituri. Il-Ligi stess toffri xi protezzjoni billi tillimita r-responsabbilta` taghha ghal sehemha mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti imma hafna drabi dan huwa kaz ta' *too little too late.* Fil-kaz odjern, ukoll, il-konvenuta tgawdi minn dritt ta' rivalsa kontra Martin Schembri li, skont is-sentenza tal-firda, huwa unikament responsabbli ghad-dejn mertu ta' din il-kawza.

9. Ghalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet jircievi applikabbilta` d-dispost tal-Artikolu 1324 ghall-kaz odjern li ghandha tikkonduci biex jigi ritenut illi fil-kaz ta' l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Martin Schembri u li ghandha karattru negozjali u mhux personali ghandha twiegeb il-komunjoni tal-akkwisti u, konsegwentement, ukoll l-konvenuta Joan Schembri izda limitatament ghall-sehemha mill-assi tal-komunjoni.

10. L-eccezzjonijiet sollevati mill-kuraturi ta' Martin Schembri ser jigu issa ikkunsidrati. L-imsemmi Martin Schembri gie kjamat fil-kawza b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-29 ta' April 2002 u b'nota tal-eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati eccipew *inter alia* li t-talbiet attrici huma preskritti *ai termini* tal-artikoli 2148(b) u 2156(f) tal-Kap 12. (sottolinear tal-Qorti). Il-Qorti tifhem li l-kuraturi riedu jaghmlu riferenza ghall-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta izda irreferew erronjament ghall-*Kap 12*, (u dan apparti li lanqas ikkjarifikaw li l-Kap 12 hu Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, in kwantu li toqtol l-azzjoni ghandha tigi rigorozament imfissra u ma tistax hi, minn jheddha, tassumi li kien hemm zball dattilografiku peress li l-istess

riferenza hija ripetuta fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni. L-ebda korrezzjoni ma intalbet u fid-dawl tas-suespost din it-tielet eccezzjoni tal-kuraturi deputati hija michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' €3,387.89, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, in kwantu ghal Joan Schembri limitatament pero` sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u bid-dritt ta' rivalsa li qed tigi riservata favur taghha kontra Martin Schembri.

L-ispejjez gudizzjarji jithallsu miz-zewg konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------